

Brussell, 7 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14011/17

ECOFIN 906
STATIS 73
UEM 298

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Novembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar l-Istatistika tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE, adottati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3572 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Novembru 2017 fi Brussell.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE***Laqgħa tal-Kunsill AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI******Brussell, 7 ta' Novembru 2017***

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill ECOFIN, partikolarment dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tar-riżultati ewlenin ta' statistika, u b'kont meħud tal-ħtiġijiet ta' statistika li jirfdu l-governanza ekonomika, il-Kunsill ECOFIN irrieżamina l-progress relatat ma' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), l-istatistika tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP) u s-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi, u statistika strutturali, kif ukoll l-iżviluppi fir-rigward tal-modernizzazzjoni u l-innovazzjonijiet fl-infrastruttura tal-istatistika.

Ir-rwol ewlieni tal-istatistika uffiċjali Ewropea

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-fatt li l-istatistiki Ewropej issa qed jirriflettu dwar kif jistgħu jżidu il-valur miżjud tal-istatistika Ewropea għall-kisba tal-prijoritajiet futuri tal-Unjoni u dwar kif għandhom jirrispondu għal sfidi ġodda fil-kuntest tad-diskussjonijiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (QFP) u l-Programm Ewropew tal-Istatistika korrispondenti wara l-2020.

Il-Kunsill JILQA' wkoll il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Viżjoni 2020 tal-ESS, b'mod partikolari l-enfasi tagħhom fuq il-kwalità, bl-użu ta' sorsi ġodda ta' data, inkluż il-big data, u t-titjib tal-komunikazzjoni mal-utenti.

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riżorsi umani u finanzjarji jkunu adegwati għall-investiment fl-infrastruttura tal-istatistika u l-manutenzjoni tagħha fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali sabiex is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tissodisfa l-ħtieġa għal statistika regolari, ta' kwalità għolja u uffiċjali fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE fil-kuntest tal-isfidi li nħolqu mill-globalizzazzjoni u l-avvanzi fit-teknoloġija. Il-Kunsill IFAKKAR fl-importanza li jiġi minimizzat il-piż fuq dawk li jwieġbu.

Garanzija tal-kwalità tar-riżultati ewlenin ta' statistika

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-progress li sar fir-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea miksub mill-ESSC.

Il-Kunsill JISTIEDEN lill-Eurostat u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika biex iwettqu l-azzjonijiet ta' titjib pendenti li ġew identifikati waqt l-aħħar ċiklu ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-ESS.

Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF 2017 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-iżviluppi deskritti fir-Rapport tal-Istatus tal-KEF 2017 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM. B'mod partikolari, il-Kunsill:

JIRRIKONOXXI t-titjib fil-kopertura ta' pajjiż ta' xi Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP) u għaż-żieda fit-tul tas-serje ta' żmien disponibbli għal statistika trimestrali dwar il-finanzi tal-gvern.

JAPPREZZA dan it-titjib fid-disponibbiltà u jħares 'il quddiem għal aktar progress fl-2018 kemm fl-iskedi kif ukoll fid-disponibbiltà tal-IEEP u b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-indikatur trimestrali tal-bejgħ tad-djar.

JAPPREZZA l-avvanz tal-kontijiet tas-settur taż-żona tal-euro għal t+94 jum, u JINKORAĠĠIXXI lill-ESS biex tkompli tesplora l-fattibbiltà li tippubblika l-istimi rapidi ta' indikaturi trimestrali dwar l-impjiegi għaż-żona tal-euro u l-UE f'T+45 jum.

Il-Kunsill JILQA' B'SODISFAZZJON it-tlestija tal-ħidma fi ħdan l-ESS u l-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti (CMFB) dwar politiki ta' reviżjoni armonizzata għal reviżjonijiet ta' punti ta' riferiment u ta' rutina fil-Kontijiet Nazzjonali u l-Istatistika dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti. Sabiex jiżgura l-komparabbiltà fost l-aggregati u l-konsistenza fil-kompilazzjoni tal-aggregati Ewropej, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri kollha biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet li saru, pereżempju li l-Istati Membri jwettqu reviżjoni armonizzata ta' punti ta' riferiment tal-kontijiet nazzjonali fl-2024 (u fl-2019 fejn ikun possibbli u adatt).

JAPPELLA lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jippromwovu l-fluss regolari ta' data komparabbli u ta' kwalità għolja fl-ekonomiji kollha tal-G-20 fit-tieni fażi tal-Inizjattiva dwar Lakuni fid-Data. Il-Kunsill IHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri jagħmlu iktar sforzi biex isegwu l-inizjattiva tal-SDDS Plus.

Statistika tal-Proprietà Immobili għal finijiet prudenzjali

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI r-rilevanza għolja ta' data dettaljata dwar is-swieq tal-proprjetà immobili għal finijiet prudenzjali. Huwa JENFASIZZA d-diffikultà intrinsika u l-implikazzjonijiet korrispondenti għar-riżorsi assoċjati mal-kumpilazzjoni tagħhom speċjalment għas-swieq tal-proprjetà immobili kummerċjali fiżika minħabba n-natura speċifika ta' dawn is-swieq. Huwa JILQA' r-rapport tal-grupp ta' esperti konġunti tal-Kummissjoni Ewropea / Bank Ċentrali Ewropew dwar l-indikaturi tal-prezzijiet tal-proprjetà kummerċjali u l-proposta tiegħu għal approċċ evoluzzjonarju fit-tisħiħ tal-istatistika relatata.

Il-Kunsill JILQA' l-inizjattiva biex jissaħħaħ fil-livell tal-Unjoni s-sett ta' data disponibbli rigward l-indikaturi finanzjarji ta' proprjetà immobili. Il-Kunsill JIRRIKONOXXI r-rilevanza tas-Settijiet ta' Data Analitika tal-Kreditu għall-produzzjoni ta' indikaturi nazzjonali komparabbli dwar il-finanzjament tal-proprjetà immobili kummerċjali u JILQA' d-data li jmiss dwar l-iskoperturi tal-banek. Huwa JIEĦU NOTA ta' ħidma ulterjuri li għandha titwettaq rigward b'mod partikolari l-proprjetà immobili residenzjali, soġġett għall-protezzjoni effettiva tal-kunfidenzjalità ta' data personali.

Statistika għall-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv

Il-Kunsill JILQA' l-inizjattivi reċenti mill-Kummissjoni b'rabta mal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u b'mod partikolari s-segwitu tal-gwida dwar ir-reġistrazzjoni statistika ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati (PPPs), inkluż diversi avvenimenti ta' informazzjoni fl-Istati Membri.

Il-Kunsill JILQA' r-rapport ta' progress tal-Eurostat f'waqtu lill-KEF skont l-istedina tal-Kunsill ta' Novembru 2016 biex itejjeb aktar il-governanza tal-proċessi ta' statistika tal-EDP. Il-Kunsill JIRRIKONOXXI li l-Kummissjoni (Eurostat) għamlet din il-ħidma fil-fora eżistenti, kif mitlub mill-Kunsill.

B'mod partikolari, il-Kunsill JIEĦU NOTA tal- "Proċeduri għall-Iżvilupp u l-Implimentazzjoni ta' Metodoloġija li Jirfdu d-Data tal-EDP" ġodda li ġew maqbula u adottati f'fora tal-istatistika rilevanti. Dawn il-proċeduri għandhom l-għan li jiżguraw proċess strutturat ta' żvilupp u implimentazzjoni kunċettwali tal-metodoloġija li tirfed id-data tal-EDP, filwaqt li jittieħed kont tal-konsistenza ma' data ta' kontijiet nazzjonali oħra filwaqt li jittejbu t-trasparenza u l-prevedibbiltà.

Għal dan l-għan, il-Kunsill JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni (tal-Eurostat) li tintroduċi bidliet fil-metodoloġija b'mod strutturat u skedat u għalhekk JISTENNA li n-noti ta' gwida li jiċċaraw ir-regoli ġodda tal-istatistika ser jinħarġu biss f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u wara l-approvazzjoni tagħhom skont il-proċeduri miftiehma fil-komunità tal-istatistika tal-UE.

Il-Kunsill JINNOTA li ż-żmien għall-implimentazzjoni ser jiġi definit bħala parti integrali mill-gwida ġdida meta miftiehma bejn fora tal-istatistika rilevanti, f'konformità mal-prinċipju ta' puntwalità, b'konsiderazzjoni dovuta għal-limitazzjonijiet tar-riżorsi u ż-żmien tal-Istati Membri u l-bżonn għall-istabbiltà tad-data qabel l-ippjanar baġitarju.

Il-Kunsill JISTIENEN lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tipprovdi l-ewwel rapport lill-KEF dwar l-effettività ta' dawn il-proċeduri ġodda wara sena ta' esperjenza mal-applikazzjoni tagħhom.

Statistika dwar Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)

Il-Kunsill JILQA' l-ħidma li għaddejja bħalissa fuq l-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-Eurostat u l-BĊE/Direttorat Ġenerali tal-Istatistika biex tkun assicurata l-kwalità tal-bilanċ ta' pagamenti u tal-istatistika tal-kontijiet finanzjarji sottostanti għall-MIP.

Statistika soċjali

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-importanza ta' data aktar f'waqtha, ta' kwalità aħjar u aktar integrata dwar l-inugwaljanzi u l-faqar, inkluż id-distribuzzjoni tad-dħul, il-konsum u l-ġid, kif ukoll dwar l-infiq tal-protezzjoni soċjali, l-educazzjoni u s-saħħa.

Il-Kunsill JILQA' r-rilaxx bikri tal-indikaturi tad-deprivazzjoni materjali u ta' data dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali għall-2016 mill-maġġoranza tal-Istati Membri.

Il-Kunsill JILQA' l-progress fil-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali, b'mod partikolari l-kontribut tagħha lit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi tipprovdi data dwar firxa kbira ta' indikaturi.

Globalizzazzjoni

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ħidma li saret biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-globalizzazzjoni għall-istatistika, inkluż l-attivitajiet biex tinftiehem aħjar l-istruttura tal-gruppi tal-intrapriżi (tfassil ta' profil), l-istabbiliment ta' sistema ta' twissija bikrija dwar operazzjonijiet ta' ristrutturar ta' intrapriżi multinazzjonali, u t-titjib fir-Reġistru tal-EuroGroups.

Statistika strutturali oħra

Il-Kunsill JILQA' l-ħidma kontinwa għall-arrikkiment tas-settijiet tad-data li jirfdu l-istrateġija Ewropa 2020 u tittejjeb id-disseminazzjoni puntwali u xierqa tagħhom. Huwa JIEĦU NOTA li l-indikaturi ewlenin kollha tal-Ewropa 2020 ġew inklużi fis-sett ta' indikaturi għall-monitoraġġ regolari tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs) minn perspettiva tal-UE. Rigward l-istrateġija mitluba dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tippubblika rapporti ta' monitoraġġ. Il-Kunsill JILQA' l-intenzjoni tal-Eurostat li tippubblika l-ewwel Rapport ta' Monitoraġġ dwar l-SDG tal-UE fl-2017.

Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-ħidma li qed issir fuq prinċipji u standards tal-Istandards għall-Kontabbiltà tas-Settur Pubbliku Ewropew (EPSAS) kif ukoll biex jiġu appoġġati l-isforzi attwali tal-Istati Membri biex jadattaw u jżidu l-maturità tal-kontabbiltà fuq bażi volontarja. Il-Kunsill JISSOTTOLINJA li l-ħidma f'dan il-qasam għandha tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità u tkun ibbażata fuq bażi legali ċara, fejn rilevanti. Barra minn hekk ikompli JISSOTTOLINJA li l-ħidma dwar l-EPSAS għandha wkoll tiġi infurmata permezz ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata. Għalhekk, il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-bidu tal-ħidma tal-Kummissjoni (Eurostat) dwar din il-valutazzjoni u JISSOTTOLINJA li din għandha ttipprovdi rendikont komprensiv kemm tal-impatti pożittivi u kif ukoll dawk negattivi.

Id-disa' rapport mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea

Il-Kunsill JILQA' d-disa' rapport tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB), li jipprovdi reviżjoni indipendenti tal-Eurostat u tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika kollha kemm hi rigward l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, u l-isforzi li qed isiru minn istituti nazzjonali tal-istatistika biex jimplimentaw l-azzjonijiet ta' titjib li sar qbil dwarhom.

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-ESGAB dwar l-importanza tal-kwalità u s-sostenibbiltà ta' data pprovduta minn organizzazzjonijiet tas-settur privat.

Il-Kunsill JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjonijiet tal-ESGAB biex tiżdied il-viżibbiltà tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea f'pubblikazzjonijiet uffiċjali u fuq siti web li jippreżentaw statistika Ewropea, sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-istandards għal statistika uffiċjali stipulati fil-Kodiċi.